Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

13,095] It-Tlieta, 20 ta' Mejju, 1975 / Tuesday, 20th May, 1975 [Prezz 2c5 / [Price 2c5

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

[Nru. 340]

### AĠENT MINISTRU TA' L-IŻVILUPP

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President tar-Repubblika ta' Malta ordna illi l-Onor. J. Abela, LL.D., M.P., Ministru tal-Finanzi, Dwana u Portijiet, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Ministru ta' l-Iżvilupp b'seħħ minn nhar il-Ħamis, il-15 ta' Mejju, 1975, matul l-assenza ta' l-Onor. W. Abela, M.P.

Il-15 ta' Mejju, 1975.

(OPM/439/71)

[Nru. 341]

### BORD TA' L-APPELLI DWAR STAMPAT POSTALI U TAD-DWANA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru għoġbu japprova illi Dott. V. Falzon, LL.D., ikun nominat bħala membru tal-Bord ta' l-Appelli dwar Stampat Postali u tad–Dwana għas-sena 1975.

L-20 ta' Mejju, 1975.

## GOVERNMENT NOTICES

[No. 340]

### ACTING MINISTER OF DEVELOPMENT

IT is notified for general information that acting on the advice of the Prime Minister, the President of the Republic of Malta has directed that the Hon. J. Abela, LL.D., M.P., Minister of Finance, Customs and Ports, assumes the additional duties of Minister of Development with effect from Thursday, 15th May, 1975, during the absence of the Hon. W. Abela, M.P.

15th May, 1975.

[No. 341]

### POSTAL AND CUSTOMS PRINTED MATTER APPEALS BOARD

IT is notified for general information that the Prime Minister has been pleased to approve that Dr V. Falzon, LL.D., be appointed as a member of the Postal and Customs Printed Matter Appeals Board for the year 1975.

20th May, 1975.

[Nru. 342]

## ATT TA' L-1952 LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (ATT Nru. XI TA' L-1952)

### Sostituzzjoni ta' Segretarju tal-Kunsill tal-Pagi

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1952 li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tax-Xogħol, Impiegi u Sigurtà innominat lis-Sur Joseph Xuereb, Segretarju ta' dawn il-Kunsilli tal-Pagi minflok is-Sur Joseph Attard.

Kunsill tal-Pagi għat-Trasport Pubbliku
Kunsill tal-Pagi dwar Tagħmir ta' Trasport, Metall u Industriji oħra li għandhom x'jaqsmu magħhom
Kunsill tal-Pagi dwar Kiri ta' 'Cars' jew 'Private Buses'
Kunsill tal-Pagi għal-Lukandi u Każini
Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku
Kunsill tal-Pagi għan-Negozji bl-Ingrossa u bl-Imnut
Kunsill tal-Pagi għat-Tessuti
Kunsill tal-Pagi għall-Iskejjel Privati
Kunsill tal-Pagi għax-Xogħol ta' l-Injam
Kunsill tal-Pagi għall-Kostruzzjoni

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 899 tal-24 ta' Diċembru, 1968, hija b'din emendata f'dan is-sens.

L-20 ta' Mejju, 1975.
(LE/138/66)

[No. 342]

## CONDITIONS OF EMPLOYMENT (REGULATION) ACT, 1952 (ACT No. XI OF 1952)

### Substitution of Secretary of Wages Council

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 6 of the Conditions of Employment (Regulation) Act, 1952, the Minister of Labour, Employment and Welfare has appointed Mr Joseph Xuereb, Secretary of the following Wages Councils in lieu of Mr Joseph Attard.

Public Transport Wages Council
Transport Equipment, Metal and Allied Industries Wages Council
Hire (Cars or Private) Buses Wages Council
Hotels and Clubs Wages Council
Domestic Service Wages Council
Wholesale and Retail Trades Wages Council
Textiles and Allied Industries Wages Council
Private Schools Wages Council
Woodworks Wages Council
Construction Wages Council

Government Notice No. 899 of 24th December, 1968, is hereby amended accordingly.

20th May, 1975.

[Nru. 343]

## AKKWIST TA' ART

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 304 tad-9 ta' Mejju, 1975, minflok il-kliem "b'xiri assolut" li hemm fid-"Dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "bl-impożizzjoni tas-servitù hawn taħt deskritt".

L-20 ta' Mejju, 1975.

[No. 343]

## ACQUISITION OF LAND

WITH reference to Government Notice No. 304 of the 9th May, 1975, for the words "by absolute purchase" in the "Declaration by the President of the Republic of Malta" there shall be substituted the words "by way of the imposition thereon of the easement described hereunder".

20th May, 1975.

[Nru. 344]

## KARIGA PENSJONABBLI

BIS-SAHHA tal-poteri mogħtijin bl-Artiklu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kapitlu 143) il-President tar-Repubblika ta' Malta iddikjara l-post imsemmi hawn taħt bħala kariga pensjonabbli għal dak biss li qiegħed jokkupa din il-kariga b'seħħ mis-6 ta' Jannar, 1974.

[No. 344]

## PENSIONABLE POST

IN exercise of the powers conferred by Section 2 of the Pensions Ordinance (Chapter 143) the President of the Republic of Malta has declared the undermentioned post to be a pensionable office to the present holder only with effect from the 6th January, 1974.

| ISEM<br>*NAME* | GRAD<br>*GRADE* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* |
|---|---|---|
| Mr Hugh Galea | *Laboratory Technician I* | Impriża għall-Bejgħ tal-Ħalib<br>*Milk Marketing Undertaking* |

L-20 ta' Mejju, 1975.

20th May, 1975.

[Nru. 345]

## DEPOŻITU TAL-MATRIĊIJIET TAL-BILJETTI TAL-104 LOTTERIJA

GĦALL-FINIJIET ta' l-Artiklu 9 (1) ta' l-Att dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Att Nru. XXVI ta' l-1948), il-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Portijiet hawnhekk jordna illi l-matriċijiet tal-biljetti maħruġin għall-104 Lotterija tal-Gvern, u l-flus tal-bejgħ ta' l-istess biljetti mibjugħin hawn Malta u barra minn Malta għandhom jiġu depożitati jew konsenjati bil-posta fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Lottu Pubbliku, Beltissebħ, jew fl-Uffiċċju tal-Kap I għall-Affarijiet għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex, mhux aktar tard mis-7.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, id-9 ta' Ġunju, 1975.

L-20 ta' Mejju, 1975.
(PLD/7/2/75)

[No. 345]

## DEPOSIT OF COUNTERFOILS OF TICKETS OF THE 104th LOTTERY

FOR the purposes of Section 9 (1) of the Government Lotteries (Act No. XXVI of 1948), the Minister of Finance, Customs and Ports hereby directs that the counterfoils of tickets issued in respect of the 104th Government Lottery and the proceeds of sale of the said tickets sold both in Malta and overseas shall be deposited or delivered by post at the Head Office of the Public Lotto Department in Beltissebħ or at the Office of the Head I for Gozo Affairs, Victoria, Gozo, not later than 7.00 p.m. on Monday, 9th June, 1975.

20th May, 1975.

[Nru. 346]

## POST U ĦIN TAT-TLUGĦ TAL-104 LOTTERIJA

GĦALL-FINIJIET ta' l-Artiklu 4 (1) ta' l-Att dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Att Nru. XXVI ta' l-1948) il-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Portijiet hawnhekk jordna illi t-Tlugħ tal-104 Lotterija tal-Gvern isir il-Foss ta' San Ġakbu, il-Furjana, nhar il-Ħadd, id-29 ta' Ġunju, 1975, mit-8.00 a.m. 'il quddiem.

L-20 ta' Mejju, 1975.
(PLD/7/2/75)

[No. 346]

## PLACE AND TIME OF DRAW OF THE 104th LOTTERY

FOR the purposes of Section 4(1) of the Government Lotteries Act (Act No. XXVI of 1948), the Minister of Finance, Customs and Ports hereby directs that the draw of the 104th Government Lottery shall take place at St James Ditch, Floriana, on Sunday, 29th June, 1975, from 8.00 a.m. onwards.

20th May, 1975.

## AVVIŻ TAL-PULIZIJA

[Nru. 60]

Billi ngħata permess li fid-29 ta' Ġunju, 1975, isiru t-tiġrijiet ir-Rabat, Malta, il-Kummissarju tal-Pulizija, bis-saħħa ta' l-artikolu 31 (1) (f) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 13) ħareġ l-ordnijiet li ġejjin: —

1. Ebda bhima ma għandha tieħu sehem f'tiġrija jekk ma tkunx miktuba minn sidha. Il-kitba għandha ssir Malta, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija, il-Furjana, bejn id-9 a.m. u s-1 p.m. fil-ġranet tal-14, 16 jew 17 ta' Ġunju, 1975.

2. Ebda bhima ma tista' tieħu sehem fit-tiġrija jekk ma jkollhiex f'ħalqha l-ħadid tal-brilja.

3. Kull bhima li tkun qed tieħu sehem fit-tiġrijiet għandha jkollha numru madwar għonqha. Dan in-numru jingħatalha mill-Pulizija meta tinkiteb il-bhima.

4. Ħadd ma jista' jinqeda bin-niggieża jew b'għodod oħra bil-ponta.

5. Dawk li għandhom inqas minn 18-il sena ma jkunux jistgħu jagħmluha ta' ġerrejja kemm-il darba ma jkunux iriduhom missierhom jew ommhom jew it-tutur tagħhom.

6. Ħadd ma jista' jressaq il-bhejjem lejn il-post tat-tluq, qabel ma jkun hemm ordni għalhekk mill-Uffiċjal tal-Pulizija inkarigat minn din il-ħaġa. Ħadd ma jista' joqgħod ħdejn il-post tat-tluq mingħajr il-permess tal-Pulizija.

7. Is-sinjal tat-tluq jingħata minn Uffiċjal tal-Pulizija b'tir ta' pistola.

8. Il-ġerrejja ma għandhom jinqdew b'ebda mezzi mhux leġittimi biex ma jħallux ġerrejja oħra jaqbżuhom.

9. Ħadd ma jista' jilqa' l-bhima fil-post fejn jaslu l-bhejjem, jekk dak li jkun ma jkunx miktub għalhekk fl-

## POLICE NOTICE

[No. 60]

Permission having been granted for the holding of races at Rabat, Malta, on the 29th June, 1975, the Commissioner of Police in virtue of Section 31 (1) (f) of the Code of Police Laws (Chapter 13) has issued the following orders: —

1. No animal shall take part in any race unless it has been registered by the owner. Registration shall be made in Malta at the Police Headquarters, Floriana, between the hours of 9 a.m. and 1 p.m. on the 14th, 16th or the 17th June, 1975.

2. No animal shall be allowed to take part in the races unless provided with a snaffle.

3. Every animal competing in the races shall have a number round the neck. Such number will be allotted to it by the Police when the animal is registered.

4. The use of goads or other pointed instruments is forbidden.

5. No person below the age of 18 years shall act as a jockey if objection is raised by either of his parents or by his guardian.

6. No one shall lead the animals to the starting point until the order to do so has been given by the Police Officer charged with that duty. No other person shall be near the starting post without the permission of the Police.

7. The starting signal shall be given by a Police Officer by the firing of a pistol.

8. Jockeys shall not use any unfair means to prevent other jockeys from overtaking them.

9. No one shall be allowed to stop at the winning post an animal competing in the races, unless he has been re-

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija, il-Furjana, Malta, u jekk ma jkollux madwar driegħu n-numru taż-żiemel li jkollu izomm.

gistered for the purpose at Police Headquarters, Floriana, Malta, and unless he wears on his arm the number of the horse he is detailed to stop.

10. Bħala sinjal tat-tarf fejn għandhom jaslu u jieqfu l-bhejjem ikun hemm imwaħħla bandiera ħamra.

10. The winning post shall be indicated by a red flag.

11. Jitilfu d-dritt tal-premju dawk il-bhejjem li jgħaddu quddiem il-bandiera mingħajr ġerrej jew mingħajr sinjal innumerat.

11. No prize shall be awarded to animals passing the winning post without a jockey or without a distinctive number.

12. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija, meħudin fid-diskrezzjoni tiegħu wara konsultazzjoni ma' li *starters*, l-imħallfin u l-*course stewards* magħżulin minnu jkunu finali, kemm jekk it-tiġrijiet ikunu tiġrijiet ordinarji kif ukoll ikunu tiġrijiet żejda.

12. The decisions of the Commissioner of Police, taken in his discretion after consultation with the starters, judges, and any course stewards appointed by him, shall be final, whether the races shall be ordinary or extra races.

13. Kull ġerrej li jikser dawn ir-Regolamenti jiġi skwalifikat, u sid il-bhima jitlef kull premju li kien ikun jistħoqqlu fit-tiġrijiet. Il-Kummissarju tal-Pulizija fid-diskrezzjoni tiegħu jista' jordna li ġerrej skwalifikat ma jkunx jista' jieħu sehem f'tiġrija jew tiġrijiet oħra dak in-nhar stess.

13. Any jockey infringing these Regulations shall be disqualified and the owner of the animal shall forfeit any prize he may have won in the races. The Commissioner of Police shall have discretion to order that any disqualified jockey shall not ride in any later race or races on the same day.

14. Kull ġerrej għandu jkun liebes xieraq b'sodisfazzjon tal-Kummissarju tal-Pulizija. Kull ġerrej li ma jkunx liebes hekk ma jitħalliex jieħu sehem fl-ebda tiġrija.

14. Every jockey must be decently dressed to the satisfaction of the Commissioner of Police. Any jockey not so dressed shall not be allowed to ride in any race.

15. Ħadd ma jista' jagħti fastidju jew jinbex lill-ġerrejja jew b'xi mod ieħor jindaħal jew ifixkel it-tiġrijiet.

15. No one shall molest the jockeys or interfere in any way with the races.

16. It-tiġrijiet isiru fl-istess post bħas-soltu u jibdew fis-6 p.m.

16. The races shall be run on the usual course and shall commence at 6 p.m.

17. Dak in-nhar tat-tiġrijiet mill-5 p..m. sakemm jispiċċaw it-tiġrijiet, l-inġenji tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mill-post fejn isiru t-tiġrijiet.

17. All vehicular traffic will be suspended on the racecourse on the day of the races from 5 p.m. until the termination of the races.

L-20 ta' Mejju, 1975.

20th May, 1975.

**Eżami għal Pustieri Temporanji/Sostituti**

Ir-Reġistratur, Bord ta' l-Eżamijiet Lokali, jgħarraf illi f'Lulju, 1975, se jsir eżami kompetitiv għal impieg ta' mhux aktar minn 30 Pustieri Temporanji jew Sostituti.

2. Dan il-post li jagħti eliġibiltà għall-promozzjoni għall-istabbilment pensjonabbli għandu skala ta' salarju ta' £M612 li jitla' b'żidiet fis-sena ta' £M36 sa £M900 fis-sena kif ukoll bonus ta' £M3.50 fil-ġimgħa għall-għoli tal-ħajja. Il-kandidati li jgħaddu jiġu impjegati skond l-ordni tal-mertu miksub fl-eżami. Għall-iskop ta' l-impieg, ir-riżultat igħodd għal perijodu ta' tnax-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni. Il-Pustieri Temporanji/Sostituti impjegati bis-saħħa ta' dan l-eżami jkunu eliġibbli biex jimlew vakanzi ta' Pustieri f'Malta, u jistgħu jiġu trasferiti f'Għawdex skond l-esiġenzi tas-servizz. Huma wkoll ikunu meħtieġa jirkbu r-rota u jsuqu *motor-cycle,* karozza jew *van.* Jekk huma jkunu għadhom ma jafux, id-Dipartiment tal-Posta jaħseb għat-tagħlim meħtieġ.

3. Il-kandidati għandhom:—

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikunu ta' karattru morali tajjeb;

(ċ) ikunu ħielsa minn kull difett fiżiku jew tal-moħħ jew mard li jista' jfixkilhom fil-qadi sewwa ta' dmirijiethom;

(d) ikunu għalqu t-tmintax imma mhux is-sebgħa u għoxrin sena fl-ewwel ġurnata tax-xahar ta' l-eżami, bil-patt illi jekk il-kandidat ikun diġà fis-Servizz tal-Gvern l-ogħla limitu ta' l-età jista' jiġi estiż għal 33 sena billi titnaqqas mis-servizz kontinwu tiegħu kull żieda ta' l-età fuq is-27 sena;

(e) jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta, iċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom, flimkien maċ-ċertifikati tal-ġenituri u tan-nannu min-naħa tal-missier, li juru l-post tat-twelid.

**Examination for Temporary/Substitute Postmen**

The Registrar, Board of Local Examinations, notifies that a competitive examination for employment of not more than 30 Temporary or Substitute Postmen will be held in July, 1975.

2. This post which confers eligibility for promotion to the pensionable establishment carries a salary scale of £612 rising by annual increments of £M36 to £M900 per annum plus a cost of living bonus of £M3.50 per week. Succesful candidates will be engaged in accordance with the order of merit obtained in the examination. For the purpose of employment the result will hold good for a period of twelve months from the date of publication. Temporary/Substitute Postmen employed in virtue of this examination will be eligible to fill vacancies of Postmen in Malta, and may be transferred to Gozo according to the exigencies of the service. They would also be required to ride a bicycle and drive a motor cycle, a car or a van. Unless they already possess such abilities, the Department of Posts will provide the necessary instruction.

3. Candidates must:—

(a) be citizens of Malta;

(b) be of good moral character;

(c) be free from any physical or mental defect or disease likely to interfere with the proper discharge of their duty;

(d) have attained their eighteenth but not their twenty seventh birthday on the first day of the month of the examination, provided that if the candidate is already in the Government Service the maximum age limit may be extended to 33 years by setting off his continuous service against any excess of age over 27;

(e) produce a police certificate of conduct, their birth certificate, together with certificates of parents and paternal grandfather showing the place of birth.

4. L-applikazzjonijiet biex wieħed jersaq għall-eżami jintlaqgħu mir-Reġistratur ta' l-Eżamijiet, 31, Triq Nofs in-Nhar, Valletta, mhux aktar tard mill-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju, 1975. Il-formoli ta' l-applikazzjoni (dawk biss li jintlaqgħu) jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju msemmi hawn fuq min-nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Ġunju, 1975. Jitħallas dritt ta' l-eżami ta' £M1.

5. Il-livell ta' l-eżami jkun tal-*General Certificate of Education 'O' Level* u s-suġġetti jkunu: —

L-EWWEL PARTI

Bil-Miktub

(A) INGLIŻ — Mass. 100 Min. 50
Komponiment (i.e *essay*, kitba ta' ittri, eċċ.). Traduzzjoni mill-Malti, *Tests* ta' Komprensjoni.

(B) MALTI — Mass. 100 Min. 50
Grammatika, Komponiment, Traduzzjoni mill-Ingliż.

(Ċ) ARITMETIKA Mass. 100 Min. 50
Il-materja tas-suġġett koperta bil-karta tkun dik mgħallma fl-iskejjel sekondarji lokali.

(D) ĠJOGRAFIJA Mass. 100 Min. 50
Mistoqsijiet fuq ir-rotot prinċipali tal-baħar u l-ajru tad-dinja, l-ibliet prinċipali u ċ-ċentri kummerċjali tad-dinja, il-littoral tal-Mediterran u l-Ewropa b'mod partikolari, il-*British Commonwealth* u l-U.S.A.

(E) TALJAN/FRANĊIŻ

Mass. 100 Min. 50

(Il-kandidati għandhom jagħżlu lingwa waħda).

Komponiment, Traduzzjoni mill-Ingliż.

IT-TIENI PARTI

INTERVISTA — Mass. 100 Min. 50

Magħmula bil-ħsieb li wieħed jagħraf il-kwalitajiet personali, bħalma huma personalità, sveltezza, intelliġenza, eċċ., li jinħtieġu f'pustier u li mhux neċessarjament joħorġu mit-*test* bil-miktub.

4. Applications for nomination to sit for the examination will be received by the Registrar of Examinations, 31, South Street, Valletta, not later than Friday, 27th June, 1975. Application forms (the only ones admissible) may be obtained from the above mentioned office as from Friday, 20th June, 1975. An examination fee of £M1 is payable.

5. The standard of the examination will be General Certificate of Education 'O' Level and the subjects will be: —

PART I

Written

(A) ENGLISH — Max. 100 Min. 50
Composition (i.e. essay, letter writing, etc.), Translation from Maltese, Comprehension Tests.

(B) MALTESE — Max. 100 Min. 50
Grammar, Composition, Translation from English.

(C) ARITHMETIC Max. 100 Min. 50
The subject matter covered by the paper will be that taught in local secondary schools.

(D) GEOGRAPHY Max. 100 Min. 50
Questions on the principal sea and air routes of the world, the principal towns and commercial centres of the world, the Mediterranean littoral and Europe in particular, the British Commonwealth and the U.S.A.

(E) ITALIAN/FRENCH

Max. 100 Min. 50

(Candidates to choose one language).

Composition, Translation from English.

PART II

INTERVIEW — Max. 100 Min. 50

Designed to bring to the fore those personal qualities, such as personality, alertness, intelligence, etc., required of a postman and not necessarily showing up in the written test.

6. It-Tieni Parti ta' l-eżami tkun miftuħa għal dawk il-kandidati li jgħaddu fl-Ewwel Parti ta' l-eżami.

7. Sabiex jikkwalifikaw, il-kandidati għandhom jiksbu n-numru minimu talmarki f'kull wieħed mis-suġġetti bilmiktub ta' hawn fuq u fit-Tieni Parti — Intervista.

8. Fil-każ ta' kandidati illi, fir-riżultati finali, jingħataw l-istess numru ta' marki, biex tiġi iffissata l-preċedenza għan-nomina u anzjanità jittieħed f'konsiderazzjoni s-servizz ta' qabel mal-Gvern, u jekk dan ma jkunx fattur determinanti, tiġi ikkunsidrata l-età.

9. L-eżami jitmexxa minn *panel* ta' eżaminaturi taħt it-tmexxija tal-Bord ta' l-Eżamijiet Lokali.

10. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Lokali jkollu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kandidat li, filwaqt li jkun qed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġieba ħażina jew ta' xi ksur ta' l-istruzzjonijiet maħruġa biex jiggwidaw il-kandidati.

11. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwaru. Tħassir bħal dan jista' jkun għall-eżami kollu wkoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikulari ta' l-eżami.

12. Il-kandidati li jkunu marbutin bi ftehim ta' apprendistat jistgħu ma jitħallewx jieħdu n-nomina kemm-il darba huma ma jippreżentawx il-kunsens bil-miktub tal-prinċipal tagħhom u tad-Direttur tax-Xogħol u Emigrazzjoni.

L-20 ta' Mejju, 1975.

6. Part II of the examination will be open to those candidates who obtain pass marks in Part I of the examination.

7. In order to qualify, candidates must obtain the minimum number of marks in each of the above written subjects and in Part II — Interview.

8. In the case of candidates who in the final results are awarded the same number of marks, previous service with Government and, if this will not form an establishing factor, age will then be taken into account in fixing priority for appointment and seniority.

9. The examination shall be conducted by a panel of examiners under the direction of the Board of Local Examinations.

10. The Board of Local Examinations shall have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any candidate who, while the examination is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

11. The Board of Local Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the examination.

12. Candidates who are bound by an agreement of apprenticeship may be precluded from appointment unless they produce the consent in writing of their employer and of the Director of Labour and Emigration.

20th May, 1975.

## UFFIĊĊJU ĠENERALI TAL-POSTA

**Sena Internazzjonali tan-Nisa 1975**

*Ħruġ ta' Bolli Kommemorativi*

**'Stationery' Postali**

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi *souvenir folders* speċjali, *envelopes* tal-*first day cover* u *presentation packs*, dwar il-ħruġ ta' bolli biex jikkommemoraw is-Sena Internazzjonali tan-Nisa 1975, se jkunu disponibbli għall-bejgħ mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta, Valletta, u mill-Fergħat u mis-*Sub-Post Offices* kollha kif ġej: —

## GENERAL POST OFFICE

**International Women's Year 1975**

*Commemorative Postage Issue*

**Postal Stationery**

It is notified for general information that special souvenir folders, first day cover envelopes and presentation packs, in respect of the postage issue to commemorate International Women's Year 1975, will be available for sale from the General Post Office, Valletta, and from all Branch and Sub-Post Offices as follows: —

| Oġġett<br>*Item* | Prezz<br>*Price* | Data<br>*Date* |
|---|---|---|
| *Souvenir Folders* ... ... ... | 5c kull wieħed<br>*5c each* | Il-21 ta' Mejju, 1975<br>21*st May,* 1975 |
| *First Day Cover Envelopes* ... | 3c kull wieħed<br>*3c each* | Il-21 ta' Mejju, 1975<br>21*st May,* 1975 |
| *Presentation Packs* (li jinkludu sett ta' bolli mhux ittimbrati u *souvenir folder*) ... ... ...<br>*Presentation Packs (including one mint set of stamps and one souvenir folder)* | 39c3 | It-30 ta' Mejju, 1975<br>30*th May,* 1975 |

L-20 ta' Mejju, 1975.

20th May, 1975.

---

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 9 ta' l-1975**

Mil-lum 'il quddiem għal żmien xahar se jsiru *surveys* sesmiċi fl-Inħawi ta' Medina Bank li tmiss bil-*coordinates* li ġejjin: —

LAT 34° 26.40', 34° 44.74' N
LON 14° 58.68', 15° 57.78' E

Il-vapuri u l-inġenji kollha tal-baħar huma mwissija biex joqogħdu ferm 'il bogħod minn, u m'għandhomx jaqsmu 'l ġewwa minn żewġ (2) mili lejn il-poppa tal-vapur li jkun qed jagħmel is-*survey*. Barra minn dan, l-inġenji tas-sajd kollha huma mwissija wkoll biex ma jwaddbux xi xbieki jew ikarkru f'raġġ ta' żewġ (2) mili mill-vapur li jkun qed jagħmel is-*survey*.

Kull meta xi vapuri jew inġenji tal-baħar ikunu f'periklu, il-vapur li jkun jagħmel is-*survey*, matul il-ġurnata jtella' l-bandiera "U" tal-Kodiċi Internazzjonali (bandiera kwadra b'żewġ kwadri ħomor u żewġ kwadri bojod dijagonalment) u bil-lejl jagħti l-istess sinjal b'lampa li tteptep (żewġ teptipiet qosra u waħda twila).

L-20 ta' Mejju, 1975.
(Port 183/75)

**Local Notice to Mariners No. 9 of 1975**

Seismic surveys will be carried out for a month herefrom in the Medina Bank Area bounded by the following coordinates: —

LAT 34° 26.40', 34° 44.74' N
LON 14° 58.68', 15° 57.78' E

All vessels and craft are warned to give a very wide berth to, and should not cross within two (2) miles astern of the survey vessel. Moreover, all fishing craft are also warned not to cast any nets or trawl within a radius of two (2) miles from the survey vessel.

When any vessel or craft is standing into danger the survey vessel will by day hoist the International Code flag "U" (square flag with two red and two white squares set diagonally) and by night will give the same signal by flash lamp (two short and a long flash).

20th May, 1975.

**Avviż Lokali lill-Baħħara**

**Nru. 11 ta' l-1975**

L-avviż li ġej huwa maħruġ għall-informazzjoni ta' kulħadd għall-finijiet tar-regolament 6 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet, minħabba l-*Middle Sea Race.*

Se jkun hemm erba' tiġrijiet, i.e.: —

(1) Ir-*Round Malta Race* f'1200 ta' nhar il-Ħadd, il-25 ta' Mejju, 1975;

(2) Ir-*Round Comino Race* fil-1000 ta' nhar it-Tlieta, is-27 ta' Mejju, 1975;

(3) L-*MSR Cruiser* fis-1800 ta' nhar il-Ħamis, id-29 ta' Mejju, 1975; u

(4) L-MS IOR fil-1100 ta' nhar is-Sibt, il-31 ta' Mejju, 1975.

L-*MSR Cruiser* u l-*MS IOR* isiru fuq l-istess korsa.

Il-linja tat-tluq u l-linja fejn jispiċċaw it-tiġrijiet kollha jiġu markati b'żewġ arbli fuq in-naħa ta' Manoel Island fuq Couvre Porte f'linja ma' plakka orizzontali miżbugħa sewda u bajda mwaħħla mas-Sur fuq in-naħa ta' Valletta. Kull wieħed miż-żewġ arbli juri żewġ dwalijiet bil-lejl. L-arblu l-qasir ikollu żewġ dwalijiet ħomor u t-twil ikollu żewġ dwalijiet ħodor.

Il-*yachts* li ma jkunux jieħdu sehem fit-tiġrijiet u inġenji żgħar oħra tal-baħar għandhom joqogħdu ferm 'il bogħod mill-*yachts* li jkunu qegħdin jieħdu sehem fit-tiġrijiet. Għandhom joqogħdu 'l bogħod mill-mogħdija prinċipali u ma għandhomx jostakolaw il-passaġġ tal-*yachts* tat-tiġrija.

Il-*yachts* u inġenji oħra żgħar għandhom jobdu kull direttiva mogħtija mill-Pulizija u/jew l-Awtoritajiet tad-Dwana.

L-20 ta' Mejju, 1975.

(Port 4565/70)

**Local Notice to Mariners**

**No. 11 of 1975**

The following notice is issued for general information for the purposes of regulation 6 of the Ports Regulations, 1966, in connection with the Middle Sea Race.

There will be four starts, i.e.: —

(1) The Round Malta Race at 1200 on Sunday, 25th May, 1975;

(2) The Round Comino Race at 1000 on Tuesday, 27th May, 1975;

(3) The MSR Cruiser at 1800 on Thursday, 29th May, 1975; and

(4) The MS IOR at 1100 on Saturday, 31st May, 1975.

The MSR Cruiser and the MS IOR will be sailed over the same course.

The starting line and the finishing line for all races will be marked by two masts on the Manoel Island side on Couvre Porte in line with a black and white horizontal painted board fixed on the Bastion on the Valletta side. Each of the two masts will show two lights at night. The lower mast will have two red lights and the upper one two green lights.

Yachts not participating in the races and all other small craft are to give a wide berth to yachts taking part in the races. They should keep clear of the main fairway and are not to obstruct the passage of racing yachts.

Yachts and small craft are to obey any directives given by the Police and/or the Customs Authorities.

20th May, 1975.

## L-OGĦLA PREZZ TA' GĦALF

*(Regolamenti ta' l-*1952 *dwar il-Bejgħ ta' Prodotti Agrikoli, Regolament* 16)

**Ordni Nru. 107**

Id-Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezz li bih l-għalf imsemmi hawn taħt jista' jinbiegħ *ex-quay* għandu, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikun kif ġej: —

| | Kull Qantar |
|---|---|
| Pasta ... ... | £M4.55 |

L-Ordnijiet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin safejn għandhom x'jaqsmu ma' l-oġġett imsemmi hawn fuq.

L-20 ta' Mejju, 1975.

## MAXIMUM PRICE OF FODDER

*(Agricultural Produce (Marketing) Regulations,* 1952, *Regulation* 16)

**Order No. 107**

The Director of Trade notifies that the maximum price at which the under-mentioned fodder may be sold ex-quay shall, until further Order, be as follows: —

| | Per Qantar |
|---|---|
| Cotton Seed Cake ... | £4.55 |

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed in so far as they refer to the above item.

20th May, 1975.

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' ĠOBON CHEDDAR

*(Regolamenti ta' l-*1972 *dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament* 3)

**Ordni Nru. 233**

Id-Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom Ġobon Cheddar importat mill-Awstralja u New Zealand jista' jinbiegħ bl-ingrossa u/jew bl-imnut, għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej: —

Lill-Bejjiegħ bl-Imnut kull ratal
*To Retailer per rotolo*
42c4

Lill-Konsumatur kull ratal
*To Consumer per rotolo*
47c4

L-Ordnijiet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin safejn għandhom x'jaqsmu ma' Ġobon Cheddar importat mill-Awstralja u New Zealand.

L-20 ta' Mejju, 1975.

## MAXIMUM PRICES OF CHEDDAR CHEESE

*(Sale of Commodities (Control) Regulations,* 1972, *Regulation* 3)

**Order No. 233**

The Director of Trade notifies that the maximum prices at which Cheddar Cheese imported from Australia and New Zealand may be sold by wholesale and/or retail, shall, until further Order, be as follows: —

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed in so far as they refer to Cheddar Cheese imported from Australia and New Zealand.

20th May, 1975.

### Ċertifikat Mitluf

Is-Sur Albertalmeo Asciak ta' 4, Triq Trux, il-Għarb, Għawdex, għarraf lill-*Accountant General* illi tilef iċ-Ċertifikat Nru. 3330 7½% *Local Development Registered Stock* 1980/82, li għalih għandu *claim* legali.

Huwa propost li wara li jgħaddu xahrejn bil-kalendarju mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, jinħareġ ċertifikat duplikat.

L-20 ta' Mejju, 1975.

### Loss of Certificate

Mr Albertalmeo Asciak of 4, Trux Street, Għarb, Gozo, notified the Accountant General that Certificate No. 3330 7½% Local Development Registered Stock 1980/82, to which he has legal claim, had been lost.

It is proposed to issue a duplicate of such certificate after the expiration of two calendar months from the publication of this notice.

20th May, 1975.

## UFFIĊĊJU TAT-TEŻOR

L-Accountant General u Direttur tal-Kuntratti javża illi: —

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tal-ĦAMIS, it-22 ta' Mejju, 1975, għal:—**

Avviż Nru. 426. Provvista ta' *phospheric acid.*

Avviż Nru. 524. Xogħlijiet ta' trinek f'Ta' Paris, B'Kara. (Stima £38,400).

Avviż Nru. 525. Xogħlijiet ta' trinek ecc., fil-*Housing Estate* tal-Gudja. (Stima £7,560).

Avviż Nru. 526. Mini u spieri f'Ħaż-Żabbar — Kuntratt 1. (Stima £6,060).

Avviż Nru. 527. Xogħlijiet ta' l-irħam fi (11) djar fil-*Housing Estate* ta' Marsaxlokk — Fażi I — Sub-Kuntratt 5.

Avviż Nru. 528. Bini ta' ħajt fl-iskola tal-Wardija għall-Mentalment Inkapaċitati.

Avviż Nru. 529. Twaħħil ecc. ta' xogħlijiet ta' l-injam fil-*Housing Estate* ta' Fuq il-Blat, Ħal Qormi.

Avviż Nru. 530. Tneħħija ta' fdalijiet mill-biċċerija, il-Marsa.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TNEJN, is-26 ta' Mejju, 1975, għal:—**

Avviż Nru. 436. Provvista ta' tagħmir għall-isptar (R).

Avviż Nru. 437. Provvista ta' *Blood Sugar* u *Pregnancy Test Kits.*

Avviż Nru. 438. Provvista ta' vitamini.

Avviż Nru. 439. Provvista ta' vitamini.

Avviż Nru. 459. Provvista ta' platti.

Avviż Nru. 460. Provvista ta' flokkijiet.

Avviż Nru. 461. Provvista ta' flanella.

Avviż Nru. 522. Ġarr ta' posta millvapur sal-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta u viċi-versa.

Avviż Nru. 540. Xogħlijiet ta' l-injam fi 3 Blokki (30 *flats*) fil-*Housing Estate* taż-Żurrieq. Sub-Kuntratt 3.

Avviż Nru. 541. Bini ta' (18) djar u (9) *garages* fil-*Housing Estate* tal-Għargħur. (Stima £41,805).

Avviż Nru. 542. Provvista ta' ħobż (Għawdex) sal-15 ta' Marzu, 1976.

## THE TREASURY

The Accountant General and Director of Contracts notifies that: —

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on THURSDAY, May 22, 1975, for:—**

Advt. No. 426. Supply of phospheric acid.

Advt. No. 524. Trenching works at Ta' Paris, B'Kara. (Estimate £38,400).

Advt. No. 525. Trenching works etc., at Gudja Housing Estate. (Estimate £7,560).

Advt. No. 526. Driving galleries and sinking shafts at Żabbar — Contract 1. (Estimate £6,060).

Advt. No. 527. Marble works in (11) houses at Marsaxlokk Housing Estate — Phase I — Sub-Contract 5.

Advt. No. 528. Construction of boundary wall etc. at Wardija School for the Mentally Handicapped.

Advt. No. 529. Fixing etc. of joinery units at Fuq il-Blat Housing Estate, Qormi.

Advt. No. 530. Removal of offals from the abattoir, Marsa.

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on MONDAY, May 26, 1975, for:—**

Advt. No. 436. Supply of hospital equipment (R).

Advt. No. 437. Supply of Blood Sugar and Pregnancy Test Kits.

Advt. No. 438. Supply of vitamins.

Advt. No. 439. Supply of vitamins.

Advt. No. 459. Supply of plates.

Advt. No. 460. Supply of vests.

Advt. No. 461. Supply of flannel material.

Advt No. 522. Conveyance of mails from ship to General Post Office and vice-versa.

Advt. No. 540. Joinery works in 3 Blocks (30 flats) at Żurrieq Housing Estate. Sub-Contract 3.

Advt. No. 541. Construction of (18) houses and (9) garages at Għargħur Housing Estate. (Estimate £41,805).

Advt. No. 542. Supply of Bread (Gozo) up to 15th March, 1976.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TNEJN, it-2 ta' Ġunju, 1975, għal:—**

Avviż Nru. 531. Provvista u xbieki għas-sajd.

Avviż Nru. 532. Provvista ta' uniformijiet għall-impjegati tal-Posta.

Avviż Nru. 533. Provvista ta' karta.

Avviż Nru. 534. Provvista ta' madum tal-mużajk (Għawdex).

Avviż Nru. 543. Bini ta' *repair shop* fit-*Textile Mill,* Ta' Qali (Stima £12,000).

Avviż Nru. 544. Xogħlijiet tal-madum f'Blokki A1—A4 (26 *flats*) fil-*Housing Estate* tal-Mellieħa.

Avviż Nru. 545. Xogħlijiet tal-madum f'Blokk 6 (15 *flats*) fil-*Housing Estate* ta' San Ġwann T'Għuxa, Bormla.

Avviż Nru. 546. Xogħlijiet tal-madum fi Blokki D1—D5 (40 *flats*) fil-*Housing Estate* ta' l-Imsida/Gżira.

Avviż Nru. 547. Xogħlijiet ta' l-ilma u tad-dawl fi (29) djar fil-*Housing Estate* tal-Mosta — Kuntratt E.

Avviż Nru. 548. Xogħlijiet ta' l-ilma u tad-dawl fi (38) djar fil-*Housing Estate* tal-Imsida/Gżira.

Avviż Nru. 549. Xogħlijiet ta' l-ilma u tad-dawl f'Blokki A1—A5 (36 *flats*) fil-*Housing Estate* tal-Mosta.

Avviż Nru. 550. Xogħlijiet ta' l-injam fi (10) djar fil-*Housing Estate* tas-Siġġiewi.

Avviż Nru. 551. Xogħlijiet ta' l-injam fi (38) djar fil-*Housing Estate* tal-Imsida/Gżira.

Avviż Nru. 552. Twaħħil eċċ. ta' xogħlijiet ta' l-injam f'Blokki C1—C5 (40 *flats*) fil-*Housing Estate* tal-Imsida/Gżira.

Avviż Nru. 553. Xogħlijiet t'asfaltar f'Ta' Xbiex.

Avviż Nru. 554. Asfaltar ta' sqaq f'San Ġiljan.

Avviż Nru. 555. Tħaffir eċċ. ta' materjal mill-*Housing Estate* ta' Ħal Kirkop.

Avviż Nru. 556. *Book-binding* sal-31 ta' Marzu, 1976.

Avviż Nru. 557. Provvista ta' oġġetti tal-merċa (Malta) sal-15 ta' Marzu, 1976.

* Avviż Nru. 564. Bini t'estensjoni u tibdil f'bini eżistenti fis-*Sliema Telephone Exchange.* (Stima £49,858).

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on MONDAY, June 2, 1975 for:—**

Advt. No. 531. Supply of fishing nets.

Advt. No. 532. Supply of winter uniforms to Post Office personnel.

Advt. No. 533. Supply of paper.

Advt. No. 534. Supply of mosaic floor tiles (Gozo).

Advt. No. 543. Construction of a repair shop for Textile Mill, Ta' Qali (Estimate £12,000).

Advt. No. 544. Tiling works in Blocks A1—A4 (26 flats) at Mellieħa Housing Estate.

Advt. No. 545. Tiling works in Block 6 (15 flats) at San Ġwann T'Għuxa Housing Estate, Cospicua.

Advt. No. 546. Tiling works in Blocks D1—D5 (40 flats) at Msida/Gżira Housing Estate.

Advt. No. 547. Plumbing and electricity works in (29) houses at Mosta Housing Estate — Contract E.

Advt. No. 548. Plumbing and electricity works in (38) houses at Msida/Gżira Housing Estate.

Advt. No. 549. Plumbing and electricity works in Blocks A1—A5 (36 flats) at Mosta Housing Estate.

Advt. No. 550. Joinery works in (10) houses at Siġġiewi Housing Estate.

Advt. No. 551. Joinery works in (38) houses at Msida/Gżira Housing Estate.

Advt. No. 552. Fixing etc. of joinery units in Block C1—C5 (40 flats) at Msida/Gżira Housing Estate.

